## 11 ta' Jannar, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

Jane sive Giovanna Cordina

*versus*

Avv. Dr. Albert V. Grech, et. ne.

**Separazzjoni — Abbandun — Ġusta Kawża — Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili.**

***Biex l-abbandun ikun kawżali ta' separazzjoni personali hemm bżonn li (1) jkun għal perijodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun mingħajr ġusta kawża.***

***L-apprezzament taċ-ċirkostanzi ta' fatt jekk teżistix jew le ġusta kawża huwa mħolli fil-kriterju tal-ġudikant.***

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji — billi żewġ l-attriċi (il-konvenut) abbanduna lill-attriċi ħdax-il sena ilu u ħalliha waħedha u fil-bżonn, u dana mingħajr raguni tajba; talbet illi l-konvenuti nomine jgħidu għaliex: (1) mgħandhiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni "a thoro et mensa" bejn l-attriċi u żewġha, u dana minħabba abbandun da parti ta' żewġha; u (2) konsegwentement ma għandhomx jiġu komminati kontra żewġ l-attriċi s-sanzjonijiet kontemplati u elenkati fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri tas-Sekond Awla.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Illi skond l-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili "......Kull waħda mill-persuni miżżewġa flimkien tista' titlob il-firda jekk għal sentejn jew iżjed tiġi abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".

Illi kif jidher minn din id-dispożizzjoni għall-abbandun bħala kawżali tas-separazzjoni hemm bżonn ta' żewġ rekwiżiti: (1) li jkun għal perijodu ta' almenu sentejn; u (2) li jkun mingħajr ġusta kawża.

Illi għar-rigward ta' l-ewwel rekwiżit dan huwa evidenti peress illi żewġ l-attriċi telaq ħdax-il sena ilu, u fil-fehma ta' din il-Qorti mhuwiex il-każ li wieħed jista' jgħid illi telaq għall-intenzjoni li jiritorna fid-dar konjugali, għaliex raġel li jitlaq lil martu mingħajr biss ma javżaha u illi matul ħdax-il sena la jikteb fejn qiegħed u lanqas li mod ieħor ma jikkommunika ma martu juri l-intenzjoni li ma jerġax imur joqgħod magħha;

Illi rigward it-tieni rekwiżit, skond il-ġurisprudenza tagħna l-apprezzament taċ-ċirkostanzi ta' fatt li l-abbandun ikun sar bla ġusta kawża u volontarjament, b'mod illi jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għal ħtija ta' min ikun irikorra għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-ġudikant (ara sentenza Prim'Awla Ċivili, 16 ta' Diċembru, 1949, Andrea Avellino vs. Reċina Avellino, Vol. XXXIII, II, 450);

Illi ma saret ebda prova mill-konvenuti nomine, illi l-abbandun sar għal xi kawża ġusta, u s-sentenza esibita mill-attriċi tindika illi l-inkwiet li qabel kien hemm bejn l-attriċi u żewġha ma kienx ħtija tagħha;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attriċi billi tippronunzja s-separazzjoni "a thoro et mensa" bejn l-attriċi u żewġha minħabba abbandun da parti ta' żewha; u billi tilqa' t-tieni talba ta' l-attriċi billi tikkomina kontra żewġ l-attriċi s-sanzjonijiet kontemplati u elenkati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili — bl-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk tal-proċeduri tas-Sekond Awla, kontra l-konvenuti nomine.